MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1118/2010

**Alfred Caruana *sive* Alfred Caruana Galizia**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat minn Alfred Caruana *sive* Alfred Caruana Galizia fit-2 ta' Novembru 2010 li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi huwa twieled fit-3 ta' Mejju 1947, kif jirriżulta mill-att tat-twelid bin-numru ta' skrizzjoni 4960 tas-sena 1947 hawn anness u mmarkat bħala Dok ACG 1.

2. Illi kunjom missier ir-rikorrenti fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti ġie reġistrat bħala "Caruana" u dan kif

jirriżulta mill-att tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok ACG 1.

3. Illi, madankollu, kunjom missier ir-rikorrenti meta twieled ir-rikorrenti kien “Caruana Galizia” u dan kif jirriżulta mill-atti tat-twelid ta’ ħut ir-rikorrenti illi twieldu qabel l-istess rikorrenti, u ċjoe’ Therese (nee’) Caruana Galizia, Ċeċilja (nee’) Caruana Galizia u Anthony Caruana Galizia, hawn annessi u mmarkati rispettivament bħala Dok ACG 2, Dok ACG 3, Dok ACG 4.

4. Illi għaldaqstant jirriżulta illi meta saret ir-reġistrazzjoni tat-twelid tar-rikorrenti, kien sar żball fir-reġistrazzjoni ta’ kunjom missier ir-rikorrenti fl-att tat-twelid tar-rikorrenti, u dan għaliex il-kunjom ta’ missier ir-rikorrenti kellu jkun “Caruana Galizia” meta fil-fatt ir-reġistrazzjoni saret bil-kunjom “Caruana”.

5. Illi r-rikorrenti jixtieq li r-reġistrazzjoni tal-kunjom ta’ missier fl-att tat-twelid tiegħu tiġi korretta u kunjom missier ir-rikorrenti isir jaqra “Caruana Galizia” b’dan illi konsegwentement anke kunjom l-istess rikorrenti jsir “Caruana Galizia”.

6. Illi għaldaqstant kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, u invista tas-suespost, l-esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi fl-att tat-twelid tar-rikorrenti kunjom missier ir-rikorrent ġie reġistrat b’mod erronju fis-sens illi kunjom missier l-istess rikorrenti kellu jiġi reġistrat bħala “Caruana Galizia” u mhux “Caruana”;

2. Tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini taċ-ċertifikat tar-rikorrenti illi jindika illi sar tali żball;

3. Tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini taċ-ċertifikat tal-attur numru 4960 tas-sena 1947 li jindika illi huwa magħruf bil-kunjom “Caruana Galizia”;

4. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni relattiva jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess rikorrent, jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat illi minn issa hawn inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, preżentata fl-14 ta' Diċembru 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr ħsara għas-suespost, ir-rikorrent għandu jindika fuq liema artikolu qed jibbaża l-azzjoni tiegħu.

3. Illi jekk tali azzjoni qed tiġi sostnuta fuq l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent umilment jirrileva li ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni da parti mill-uffiċjal tar-reġistru pubbliku. Dan *stante* li:

a. fl-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti Carlo (Dok. A), in-nannu tal-imsemmi Alfred Caruana huwa reġistrat bħala Caruana u għalhekk isegwi li kunjom missier Alfred Caruana huwa korrettement reġistrat bħala Caruana fl-att tat-twelid tar-rikorrenti.

b. fl-att tat-twelid tar-rikorrenti kien proprju missier l-imsemmi Alfred Caruana li bil-firma tiegħu wera l-kunsens tiegħu li l-informazzjoni li kien hemm kontenuta fl-att tat-twelid kienet waħda korretta.

Għaldaqstant l-ebda korrezzjoni ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att tal-istat ċivili skont id-dettami tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi bla ħsara għal fuq espost it-tielet talba tar-rikorrenti hija insostenibbli *stante* li l-Att tat-Twelid oriġinali tar-rikorrenti bin-numru progressiv 4960/1947 (Dok. ACG1) ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi nserit il-kunjom tat-tarbija;

5. Illi b'żieda ma' dan, ir-raba' talba tar-rikorrenti in kwantu tirreferi għal atti tal-istat ċivili oħra apparti l-att tat-twelid numru 4960/1947 hija insostenibbli *ai termini* tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sakemm ir-rikorrenti ma jispeċifikax in-numru u s-sena relattivi tal-atti tal-istat ċivili li għalihom qed jagħmel riferenza;

6. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat, u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet lill-attriċi;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju 2011 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija fis-sens li kunjom l-attur jinbidel għal **Caruana Galizia** peress li huwa dejjem kien magħruf b'dak l-isem u anke ħutu huma lkoll indikati b'dan il-kunjom.

Illi qabel xejn il-Qorti tagħmilha ċara li skond il-liġi tagħna ħadd ma jista' jitlob tibdil ta' kunjomu għaliex kif sewwa rrimarka l-konvenut iċ-ċertfikat tat-twelid imkien ma jindika kolonna jew spazju għal kunjom it-tarbija iżda kull ma jkun indikat huwa kunjom il-missier għas-semplici raġuni li t-tarbija tieħu kunjom missierha. Dwar dan ukoll din il-Qorti ġja' kellha okkażjoni tippronunzja ruħha fiż-żewġ kawżi deċiżi fis-26 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet **"Mercieca *sive* Mercieca Balbi vs Direttur tar-Registru Pubbliku"**. Il-Qorti hemmhekk iċċitat brani estensivi mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (16 ta' Dicembru 2003) fejn għamlitha ċara li l-Artikolu 253 (2) jirreferi biss għall-isem tal-attur jew attriċi u mhux għall-kunjom. Huwa biss *"l-isem (Christian name) li jiġi mogħti speċifikament lill-persuna li għaliha jirreferi ċ-ċertfikat li jkun ... ir-riferenza għall-isem fis-sub-artikolu 2 tal-artikolu 253 hija neċessarjament referenza għall-prenom u mhux għall-kunjom jew family name."*

Illi għalhekk il-fatt li l-attur dejjem kien magħruf bil-kunjom doppju ma hija rilevanti xejn għat-talba **kif dedotta** – kien ikun differenti kieku l-attur talab dikjarazzjoni li huwa magħruf bil-kunjom Caruana Galizia wkoll.

Illi madankollu mill-provi f'din il-kawża jirriżulta li missier l-attur ukoll kien iġib il-kunjom Caruana Galizia, u kwindi fiċ-ċertfikat tat-twelid tal-attur kien hemm nuqqas ta' attenzjoni da parti tiegħu stess li rriżulta li kunjomu tniżżel bħala Caruana. Għalhekk jirriżulta li kien żball ċar da parti tal-istess missier u għalhekk it-talbiet attriċi (*eccetto* l-

aħħar talba li ma tistax tintlaqa’ kif sewwa eċċepixxa l-konvenut) jistgħu jintlaqgħu.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi filwqat li tiċħad ir-raba’ talba.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------